**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 18 ta' Jannar 2017**

Numru 6

**Rikors Guramentat Nru. 759/2016**

**Av. Peter Fenech bhala mandatarju specjali**
**tas-socjeta estera New Balance Athletics, Inc. bin-numru ta' registrazzjoni 04-2460172 ta' 100, Guest Street, Boston, Massachusetts 02135, United States of America**

**vs**

**Dr Yanika Bugeja u P.L. Jeremy Buttigieg**
**kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw**
**lill-assenti kunsinnatarju Ste l-Execellence de Commerce ta' De La 4 Rue El Niyar 1000 Tunis nominati**
**b'digriet tal-14 ta' Novembru 2016**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine tal-31 ta' Awwissu, 2016 li jghid hekk:

1. Illi l-esponent gie mahtur bhala mandatarju specjali tas-socjeta estera New Balance Athletics, Inc. sabiex jipprezenta l-azzjonijiet gudizzjarji necessarji sabiex jigu protetti l-interessi taghha gewwa Malta.

2. Illi s-socjeta estera New Balance Athletics, Inc. hija l-proprjetarja tad-drittijiet registrati bhala trademark tal-Unjoni Ewropea (EUTM) mal-Ufficcju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) senjatament: (a) logo ' ' bin-numru ta' registrazzjoni 000103754 datata 16 ta' Lulju 1999

(Dok. NB1 anness) u (b) logo ‘ ’ bin-numru ta’ registrazzjoni 0944507 datata 2 ta’ Novembru 2007 (Dok. NB2 anness).

3. Illi fit-2 ta’ Awwissu 2016, ir-rikorrent nomine gie infurmat mill-Kontrollur tad-Dwana li waqt l-iskrutinji tieghu gewwa l-Port Hieles, Marsaxlokk, Malta, huwa kien issosspenda r-rilaxx tal-container bin-numru ECMU8111780 li dahal gewwa l-Port Hieles fuq il-vapur ‘CMA CGM FIDELIO’, kif jidher mid-dokument anness u mmarkat Dok. NB3, liema container kien fih total ta’ tnejn u hamsin (52) kaxxa tal-kartun kontenenti tnax (12)-il bicca f’kull kaxxa tal-kartun, ghal total ta’ sitt mija, erbgha u ghoxrin (624) par taz-zarbun kollha bil-marki registrati ta’ New Balance Athletics, Inc., skont id-dokument anness u mmarkat Dok. NB4 u li prima facie dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ proprjeta intellettwali tas-socjeta estera New Balance Athletics, Inc..

4. Illi mill-kampjuni li ttiehdu mir-rikorrenti nomine, jirrizulta li l-merkanzija imsemmija u mizmuma taht l-awtorità tal-Kontrollur tad-Dwana tikkonsisti fil-fatt f’kontraffazzjonijiet, senjatament ghaliex dawn iz-zraben fihom it-trademarks fuq imsemmija u elementi distintivi ohra li ma jikkorrispondux mad-dettalji ta’ prodotti li legittimament ikollhom it-trademarks proprjeta ta’ New Balance Athletics, Inc. u di piu, gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta’ New Balance Athletics, Inc. u ghalhekk, dawn iz-zraben jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ proprjeta intellettwali ta’ New Balance Athletics, Inc.. Ir-rapport relattiv ta’ New Balance Athletics, Inc. huwa anness u mmarkat Dok. NB5.

5. Illi r-rikorrenti nomine talab lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex izomm il-merkanzija suspettata gewwa Malta sabiex, a tenur tal-artikolu 5 u 7 tal-Att dwar Drittijiet dwar Proprjeta Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) (Kap. 414 tal-Ligijiet ta’ Malta) u l-artikolu 3 tar-Regolament [EU] Nru. 608/2013 dwar l-infurzar doganali tad-drittijiet tal-proprjeta intellettwali, huwa jipprocedi civilment ghal decizjoni dwar in-natura tal-merkanzija mizmuma, liema talba l-Kontrollur tad-Dwana laqa’.

6. Illi din il-merkanzija inqabdet mill-Port Hieles ta’ Malta u l-Kontrollur tad-Dwana jaf li l-kunsinnatarju tal-merkanzija huwa Ste l’Excellence de Commerce bl-indirizz postali De La 4 Rue El Niyar 1000 Tunis u bis-segwenti dettalji:
Tel/Fax 00216 71320057
u dan skont dak citat fil-polza ta’ taghbija numru GGZ0732444 (Dok. NB6 anness).

7. Illi l-azzjonijiet tal-intimati huma pprojbiti taht d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 4 tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta’ Malta suriferit, u l-merkanzija maqbuda tikkontravvjeni d-drittijiet ta’ proprjeta intellettwali tas-socjeta rikorrenti skont l-artikolu 2(1)(a)(i), (ii) u (iii) tal-istess Kap. 414 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll huma pprojbiti taht l-artikolu 10(1) tal-Att dwar it-Trademarks (Kap. 416 tal-Ligijiet ta’ Malta), liema infrazzjonijiet huma azzjonabbli b’applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet rilevanti tal-artikoli 14 sa 19 tal-istess Kap. 416 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikoli 7 u 8 tal-istess Kap. 414 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll

b'applikazzjoni tal-artikolu 23 tar-Regolament [EU] Nru. 608/2013 dwar l-infurzar doganali tad-drittijiet tal-proprjeta intellettwali suriferit.

8. Illi l-esponent nomine jiddikjara li l-fatti suesposti jafhom in parti personalment u in parti minn informazzjoni li nghata mill-Kontrollur tad-Dwana kif ukoll mis-socjeta rikorrenti li qieghed jirrapprezenta;

9. Illi s-socjeta rikorrenti ghandha kull interess li tippromwovi din l-azzjoni gudizzjarja sabiex tikkawtela u tenforza l-jeddijiet taghha.

10. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant l-esponent nomine umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex -

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti fi tnejn u hamsin (52) kaxxa tal-kartun kontenenti tnax (12)-il bicca f'kull kaxxa tal-kartun, ghal total ta' sitt mija, erbgha u ghoxrin (624) par taz-zarbun kollha bil-marki registrati ta' New Balance Athletics, Inc. li fuqhom hemm it-trademark tal-Unjoni Ewropea tas-socjeta estera New Balance Athletics, Inc. hekk kif registrati mal-Ufficcju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), senjatament: (a) logo ' ' bin-numru ta' registrazzjoni 000103754 datata 16 ta' Lulju 1999 (Dok. NB1 anness) u (b) logo ' ' bin-numru ta' registrazzjoni 0944507 datata 2 ta' Novembru 2007 (Dok. NB2 anness) li jinsabu prezentement taht l-awtorità tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-container bin-numru ECMU8111780 kontenenti l-imsemmija merkanzija, huma kontrafatti u jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta rikorrenti New Balance Athletics, Inc., u dan okkorrendo bin-nomina ta' esperti nominati ghal dan il-fini;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana jiddisponi minn tali merkanzija lil'hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li jipprekludi xi hsara lis-socjeta rikorrenti u l-pubbliku konsumatur, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi l-imsemmija merkanzija, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lil u a spejjez tal-intimati;

3. Tordna li l-intimati ghandhom ibaghtu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati ai termini tat-tieni (2) u t-tielet (3) talbiet rikorrenti, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija merkanzija ghall-hazna f'Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-tallying u tal-ispejjez kollha dovuti lill-Kontrollur tad-Dwana mill-bidu tal-proceduri, kif ukoll tat-trasport mill-lok tal-hazna ghall-lok eventwali ta' distruzzjoni, inkluz ukoll l-ispejjez kollha inkorsi ghad-distruzzjoni finali tal-istess merkanzija.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati tat-12 ta' Dicembru 2016 fejn ecceppew:

1. Illi l-esponenti ghadhom mhumiex edotti mill-fatti.

2. Illi l-esponenti jirriservaw li jipprezentaw eccezzjonijiet ulterjuri jekk kemm-il darba l-esponenti jirnexxielhom jaghmlu kuntatt mal-assenti.

3. Illi l-esponenti qeghdin jitolbu minn issa l-indirizz jew dettalji ohra li jista' jkollhom li permezz taghhom l-esponenti jkunu jistghu jikkuntattjaw lill-assenti minnhom rapprezentati.

4. Illi l-esponenti, f'dan l-istadju, ma ghandhom ebda nota jew dokument relattiv ghal kaz x'jipprezentaw.

Bl-ispejjez.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu.

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta li s-socjeta attrici hija proprjetarja tad-drittijiet registrati bhala markji tal-Unjoni Ewropea (EUTM) u mal-Ufficcju tal-Proprjeta Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) il-logos u bin-numri ta' registrazzjoni 000103754 u 0944507.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li f'container ECMU 8111780 li kien inhatt fil-port hieles ta' Marsaxlokk minn fuq il-vapur CMA CGM FIDELIO li kien diehel Malta fit-22 ta' Lulju 2016 l-Ufficjali tad-Dwana sabu konsenja ta' tnejn u hamsin (52) kaxxa tal-kartun kontenenti tnax (12)-il bicca f'kuill kaxx tal-kartun, ghal total ta' sitt mija u erbgha u ghoxrin (624) pari zraben sportivi, bil-markji tas-socjeta rikorrenti, u li kien hemm suspett li ma humiex genwini u dan bi ksur tal-provvedimenti tal-Kap. 414, u minn ezamijiet li saru sussegwentement fuq l-istess oggetti, instab li dawn kienu kontrafatti. Dan kollu jirrizulta mir-rapporti datati 26 ta' Awwissu 2016 (Dok. NB5 fol. 17) maghmul minn Rory O'Hare, rapprezentant tas-socjeta rikorrenti.

Illi allura jirrizulta li kien hemm ksur tal-artikoli appositi tal-Kap. 414 u 416 u b'applikazzjoni tal-artikolu 23 tar-Regolament EU 608/2013, u s-socjeta attrici inizjat dawn l-opportuni proceduri gudizzjarji skont il-ligi, u fit-terminu indikat.

Peress li l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet attrici jidhru li gew kollha konfermati permezz tad-Dokumenti esebiti mar-rikors guramentat u atti ohra prezentati fl-atti tal-kawza li jinkludi l-affidavits tal-Ufficjal tad-Dwana George Agius (Dok. B fol. 68) li kkonferma li l-istess oggetti hawn indikati ghadhom qed jinzammu fl-imhazen tad-dwana, u tar-rapport ta' Rory O'Hare li ikkonferma li mill-ezamijiet li saru fuq l-istess merkanzija mertu tal-kawza odjerna kienet fil-fatt kontrafatta.

Illi l-ispejjez kollha nkluzi sabiex issir id-distruzzjoni tal-istess oggetti hija elenkata fl-affidavit ta' George Agius (fol. 69) datat 21 ta' Dicembru 2016. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha kif gej:

**Konkluzzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-oggetti kollha in kwistjoni konsistenti fi tnejn u hamsin (52) kaxxa tal-kartun kontenenti tnax (12)-il bicca f'kuill kaxx tal-kartun, ghal total ta' sitt mija u erbgha u ghoxrin (624) pari zraben sportivi li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma pprojbiti taht d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 4 tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta suriferit, u l-merkanzija maqbuda tikkontravvjeni d-drittijiet ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta rikorrenti skont l-artikolu 2(1)(a)(i), (ii) u (iii) tal-istess Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll huma pprojbiti taht l-artikolu 10(1) tal-Att dwar it-Trademarks (Kap. 416 tal-Ligijiet ta' Malta), liema infrazzjonijiet huma azzjonabbli b'applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet rilevanti tal-artikoli 14 sa 19 tal-istess Kap. 416 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 7 u 8 tal-istess Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll b'applikazzjoni tal-artikolu 23 tar-

Regolament [EU] Nru. 608/2013 dwar l-infurzar doganali tad-drittijiet tal-proprjeta intellettwali suriferit;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja ta' tnejn u hamsin (52) kaxxa tal-kartun kontenenti tnax (12)-il bicca f'kuill kaxx tal-kartun, ghal total ta' sitt mija u erbgha u ghoxrin (624) pari zraben sportivi b'container numru ECMU 8111780 da parti tal-intimati u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta rikorrenti inkwantu li ma humiex genwini, skont l-artikoli precitati fid-decide ta' din is-sentenza;

3. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jiddistruggi l-oggetti in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u a spejjez tal-intimati, skont l-artikolu 8 tal-Kap. 414 u l-provvedimenti tar-regolament EU 608/2013;

4. Tordna lil-intimati, a bazi tat-tieni u tielet talbiet attrici, ihallsu l-ispejjez kollha, inkluzi dawk tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni tal-oggetti in kwistjoni, tat-*tallying* u tal-ispejjez tal-Ufficjali tad-Dwana skont it-termini tal-Kap. 414 u tar-regolament EU 608/2013, u dan kif jirrizulta mill-affidavit tar-rapprezentant tal-Kontrollur tad-Dwana (fol. 69);

Bl-ispejjez kontra l-intimati b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skont il-ligi.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur